**Il-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Kumpilazzjoni**

**(Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti)**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag.Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Galea)**
**-vs-**
**LASHEV Biser Snezhanov**

Illum, 2 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **LASHEV Biser Snezhanov,** aktar il-quddiem imsejjah 'l-estradant';

Wara li rat is-*Schengen Information System – SISII Alert* datat it-3 ta' Jannar, 2018,[1] mahrug fuq talba tar-*Regional Prosecutor's Office* ta' Blagoevgrad gewwa l-Bulgarija, pajjiz skedat a tenur tar-regolament 5 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (aktar il-quddiem imsejjah 'l-Ordni'), Avviz Legali 320 ta' l-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05), kif ukoll il-*Form A* anness mal-istess *alert* numru BG0000003367232000001 datat l-4 ta' Jannar, 2018;[2]

Wara li rat il-Mandat t'Arrest Ewropew datat it-28 ta' Dicembru, 2017;[3]

Wara li rat ic-Certifikat mahrug mill-Avukat Generali a tenur tar-regolamenti 6A u 7 tal-istess Ordni mahrug fil-25 ta' Gunju, 2020;[4]

---

[1] **Dok. MG2** a fol. 16-17
[2] **Dok.MG5** a fol. 20-21
[3] **Dok.MG9** a fol. 28 et seq
[4] **Dok.MG** u **Dok.MG1** a fol. 14-15

Wara li rat il-verbal ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tas-26 ta' Gunju, 2020;

Wara li semghet lill-abbli difiza tiddikjara li r-reat li dwaru qed tintalab it-treggija tal-estradand, serq, hu reat estraddibbli u li ma tezisti ebda *bar to extradition* skond ir-regolament 13 tal-Ordni;

Ikkunsidrat,

Illi jirrizulta li t-treggija tal-estradand lejn il-Bulgarija qed tintalab sabiex dan ikompli jservi sentenza ta' tmien (8) xhur u wiehed u ghoxrin (21) gurnata,[5] permezz ta' liema sentenza l-estradand kien nstab hati ta' reat ta' serq li sehh gewwa Plovdiv fil-Bulgarija.

Illi r-regolament 60(3) tal-Ordni jipprovdi:

> 60.(1) Dan l-artikolu japplika dwar dik l-imġieba ta' persuna jekk -
>
> (a) jiġi allegat li l-persuna tkun qegħda tiġġerra barrakontra l-liġi wara li tkun insabet ħatja minn qortif'pajjiż skedat ta' reat kostitwit minn dik l-imġieba, u
> (b) il-persuna tkun ingħatat sentenza għal dak ir-reat.
>
> ……….
>
> (3)L-imġieba tkun ukoll tikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni dwar il-pajjiż skedat jekk ikunu ġew sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet:
>
> (a) l-imġieba tiġri fil-pajjiż skedat;
> (b) l-imġieba kienet tikkostitwixxi reat taħt il-liġi ta' Malta li kieku din ġrat f'Malta;
> (ċ) sentenza ta' priġunerija jew xi forma oħra ta'detenzjoni għal żmien erba' xhur jew b'piena akbar, tkun ingħatat dwar dik l-imġieba fil-pajjiż skedat.

**Ghaldaqstant ir-rekwiziti kollha kif stipulati bir-regolament 60(3) tal-Ordni huma ghal kollox soddisfatti u ghalhekk ir-reat, li dwaru qed tintalab it-treggija, jikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni.**

[5] Fol.21 u fol. 29

Illi kif intqal mhux talli ma giet sollevata ebda raguni msemmija fir-regolament 13 tal-Ordni li tammonta ghall-impediment ghall-estradizzjoni *('bar to extradition'),* izda sahansitra n-nuqqas ta' xi *bar to extradition* giet verbalizzata mill-abbli difensur tal-estradand.

Ghaldaqstant ai termini tar-regolament 24 tal-Ordni -

**Tordna li l-estradand ghandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġigħ lura tieghu lejn il-Bulgarija, il-pajjiż skedat fejn inħareġ il-mandat**.

Din l-ordni ghal-kustodja tal-estradand qeghdha ssir bil-kundizzjoni li l-estradizzjoni tal-estradand lejn il-Bulgarija tkun soggetta dejjem ghal-*"law of speciality"* ossija in konnessjoni mar-reat addebitat lilu fil-Mandat t'Arrest Ewropew li abbazi tieghu saru dawn il-proceduri, u msemmi fir-regolament 18 tal-Ordni.

Il-Qorti qeghdha, ai termini tar-regolament 25 tal-Ordni moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta Malta, tinforma lill-estradand li:

(a) Mhuwiex ser jigi mregga' lura lejn il-Bulgarija qabel ma jghaddu sebat ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja;

(b) Ghandu dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn din l-ordni;

(c) jekk jidhirlu li xi wiehed mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta Malta, gie miksur jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun giet jew x'aktarx tkun sejra tigi miksura dwar il-persuna tieghu hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, huwa ghandu jedd titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-kaz.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**